**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 928/2017 AF**

**George Sammut f'ismu propju u kif ukoll f'isem u ghan-nom ta' huh Bartolomew Sammut, resident barra minn Malta**

**vs**

**Charles Sammut**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi George Sammut li qed jidher f'ismu propju izda wkoll f'isem, fl-interess u ghan-nom ta' huh Bartolomew Sammut li huwa resident Melbourne fl-Awstralja, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kontendenti huma ahwa ulied il-mejta Francis Sammut u Maria Dolores Sammut nèe Agius.

L-attur Bartolomew, ukoll maghruf bhala Robert, ta' l-awtorizazzjoni necessarja u relattiva lil huh George sabiex jirrapprezentah f'dawn il-proceduri permezz ta' prokura (kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata DOK A).

Missier il-kontendenti Francis Sammut miet u halla testament datat 24 ta' Jannar 2007 (DOK B) maghmui quddiem in-Nutar Roland Wadge u li permezz tieghu, ai termini tar-Raba' Artikolu ta' l-istess testament, ddepona:

It-testatur ihalli bhala legat lill-ibnu Charles sehmu mis-segwenti propjetà:-

> a) *Il-forn Bakery*[1] *li jinsab bin-numru tmintax (18) u maghruf bl-isem ta' "Anthony" f'Birkirkara, Wignacourt Street*
>
> b) *U is-subcens annwu u perpetwu gravanti il-fond soprastanti l-istess forn,*
>
> *Soggetti it-tnejn flimkien ghac-cens annwu u perpetwu ta' tletin lira, li minnhom ghaxar liri jingabru mill-fond soprastanti l-istess forn, bil-kundizzjoni illi fi zmien seba' xhur mid-data tal-mewt tas-superstiti fost it-testatur u martu, l-*<u>*istess Charlie Sammut jaghti lill-hutu Robert u*</u>

[1] Sottolinear ghall-emfasi

*George dik is-somma kull wiehed, li tigi stabbilita aktar 'l isfel b'dan l-artikolu.*[2]

*Is-somma li ghandha tinghata mill-istess Charles Sammut lill-hutu tigi kalkolata billi l-valur tal-forn aktar il-quddiem imsejah "il-valur tal-forn", ghandu jigi stmat minn perit indipendenti mqabbad mit-tlett ahwa Charles, Robert u George, ulied it-testatur, fi zmien tlett xhur mid-data tal-mewt tas-superstiti fost it-testatur u martu, u jekk dawn jonqsu li jaghmlu dan, jew ma jiftehmux lil min ha jqabbdu bhala perit dan jigi mqabbad minn binthom Maria Zammit jew fin-nuqqas mill-istess Nutar li jippubblika l-att Causa Mortis tas-superstiti fost it-testatur u martu;*

*Mill-valur tal-forn kollu*[3] *ghandha tigi mnaqqsa is-somma ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) aktar il-quddlem imsemmija "il-valur trasferit" u terz mill-bilanc tal-valur trasferit neqsin is-somma ta' erbat elef u hames mitt Lira Maltin (Lm4,500), ghandha tigi mhallsa mill-imsemmi Charles Sammut lil huh George, filwaqt terz iehor mill-valur trasferit u somma addizzjonali ta' tlett elef Lira Maltln (Lm3000) ghandha tithallas mill-imsemmi Charles Sammut lil huh Robert Sammut. Is-somma ta' tlett elef lira (nofs is-sitt elef lira fuq imsemmija) mnaqqsa mill-valur inizjali tal-forn qeghda tigi assenjata lill-istess Charles Sammut bhala kumpens ghall-hobz li huwa jaghti lill-genituri kuljum u ghal benefikati li huwa jkun ghamel fil-forn.*

*Ghal aktar kjarezza is-somon li ghandhom jinghataw wara l-mewt tat-testatur u martu ghandhom jigu kalkolati skond is-segwenti formola matematika:-*

*George ghandu jiehu minghand Charles:-*
*(il-valur tal-forn – Lm6000/3) Lm4500*
*Filwaqt li Robert ghandu jiehu minghand Charles*
*(il-valur tal-forn – Lm6000/3) + Lm3000*

[2] Sottolinear ghall-emfasi
[3] Sottolinear ghall-emfasi

Omm il-kontendenti, Maria Dolores Sammut mietet u riedet, permezz ta' testament datat 26 ta' Frar 2010 maghmul quddiem in-Nutar Patrizia Mallia (DOK C), illi, ai termini tat-tielet Artikolu tal-istess testament,

> *thalli bhala legat lil binha Charles Sammut, sehemha mis-segwenti propjetà:-*
>
> *a) <u>il-fond ossia il-Bakery</u>[4] li jinsab fi Triq Wignacourt, Birkirkara, u huwa mmarkat bin-numru ufficjali tmintax (18) u li jismu "Anthony", u (b) is-subdirett dominju u is-subcens annwu perpetwu gravanti l-fond soprastanti l-istess forn,*
>
> *Soggetti it-tnejn fimkien ghac-cens annwu u perpetwu ta' disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmi tal-Ewro (€69.88), ekwivalenti ghal tletin liri Maltin (Lm30), li minnhom, tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu tal-Ewro (€23.29), ekwivalentl ghal ghaxar liri Martin (Lm10), jingabru mill-fond soprastanti l-istess forn bil-kundizzjoni illi fi zmien seba' (7) xhur mid-data tal-mewt tat-testatrici, l-lstess Charles Sammut jaghti lil hutu Robert u George dik is-somma kull wiehed, li tigi stabbillta iktar 'l isfel b'dan l-artikolu:*
>
> *Is-somma li ghandha tinghata mill-istess Charles Sammut lil hutu George u Robert tigi kkalkolata billi l-valur tal-forn[5] aktar 'il quddlem imsejjah "il-valur tal-forn", ghandu jigi stmat minn perit indipendenti mqabbad mit-tlett ahwa Charles, Robert u George, ahwa Sammut, ulied it-testatrici, u dan fi zmien tlett xhur mid-data tal-mewt tat-testatrici, u jekk dawn jonqsu li jaghmlu dan, jew ma jiftehmux lil min se jqabbdu bhala perit den jigi mqabbad mill-istess nutar li jkun se jippubblika l-att causa mortis tat-testatrici.*
>
> *It-testatrici trid u tordna wkoll illi mill-valur tal-imsemmi forn ghandha tigi mnaqqsa is-somma ta' sitt*

4 Sottolinear ghall-emfasi

5 Sottolinear ghall-emfasi

*elef disa' mija tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu tal-Ewro (€6988.12), ekwivalenti ghal tlett elef Liri Maltin (Lm3000), ossia nofs is-sitt elef liri Maltin (Lm6000), liema nofs jirrapprezenta sehem it-testatrici mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn ir-ragel taghha il-mejjet Francis Sammut, iktar 'il quddiem imsejjah bhala "il-valur trasferit", u terz mill-bilanc tal-valur trasferit u somma addizzjonali ta' elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37), ekwivalenti ghal elf Liri Maltin (Lm1000), li tigi parti mis-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu tal-Ewro (Lm6988.12), ekwivalenti ghal tlett elef Liri Maltin (Lm3000), li hija s-somma li giet imnaqqsa mill-valur inizjali tal-forn, ghandha tigi mhallsa mill-imsemml Charles Sammut lil huh George Sammut, filwaqt illi terz iehor mill-valur trasferit u somma addizzjonali ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi tal-Ewro (€3494.06), ekwivalenti ghal elf u hames mitt liri Martin (Lm1,500), ghandha tithallas mill-imsemmi Charles Sammut lil huh Robert Sammut. Is-somma ta' elf mija u hamsa u sittin Ewro (€1,165), ekwivalenti ghal hames mitt liri Mattin (Lm500), li tigi parti mis-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu tal-Ewro (€6988.12), ekwivalenti ghal tlett elef Liri Maltin (Lm3000), imnaqqsa mill-valur inzijali tal-forn, qieghda tigi assenjata lill-istess Charles Sammut bhala kumpens ghall-hobz li huwa jaghti lit-testatrici kuljum u ghal xi benefikati li huwa ghamel fil-forn.*

*Ghal iktar kjarezza is-somom li ghandhom jinghataw wara l-mewt tat-testatrici ghandhom jigu kkalkolati skond is-segwentl formola matematika:-*

*George ghandu jiehu minghand Charles*
*(il-valur tal-forn - €6988.12 (Lm3000)/3 + €2329.37 (Lm1000)*

*Robert ghandu jiehu minghand Charles*
*(il-valur tal-forn - €6988.12 (Lm3000)/3 + €3494.06 (Lm1500)*

Sabiex jaghtu effett lill-provedimenti taz-zewg testmenti hawn fuq citati, jinhtieg qabel xejn illi jigi determinat il-valur tal-forn *de quo*, ossia "Anthony Bakery" li jinsab fi Triq Wignacourt, Birkirkara.

Bejn il-kontendenti ma nstabx Perit wiehed sabiex jaghti stima tal-fond anke ghaliex ir-rikorrenti isostnu illi l-valur ghandu jkun tali li jirrifletti mhux biss il-gebel u s-saqaf tal-forn, izda wkoll il-permess u l-avvjament tal-istess forn, filwaqt illi l-intimat isostni illi l-valur tal-forn ghandu jkun eskluz minnu l-valur tal-avvjament u l-permess.

Huwa evidenti, u ghalhekk is-sottolinear fil-brani hawn fuq citati, illi t-testaturi riedu illi l-valur tal-forn jigi stmat qua forn u mhux fond, allura kemm bhala gebel u saqaf u kif ukoll qua forn avvjat, kif ser jirrizulta ahjar fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Ir-rikorrenti ngaggaw Perit li ha konjizzjoni tal-forn kollu u ta stima (DOK D) tal-istess sabiex illum jistghu isiru l-konteggi u jinghata effett lill-provedimenti tat-testmenti kif hawn fuq ikkwotati, stima però illi ma gietx accettata mill-intimat in kwantu illi jsostni illi l-istima ghandha tirrifletti biss il-gebel u s-saqaf tal-forn.

Minn naha tieghu l-intimat gab somma minn Perit Arkitett biss tal-fond in kwantu gebel u saqaf, u b'hekk il-kontendenti ma jistghux jaqblu biex jaghtu inkarigu lil Perit dwar kif ghandha tkun l-istima tal-valur tal-forn de quo.

B'dan id-dizgwid il-kontendenti ma setghux jghaddu blex jaghtu effett lill-provvedimenti tat-testmenti relattivi tal-genituri taghhom sa fejn dawn jaffettwaw lilhom, peress illi Perit ma jistax jitqabbad jekk ma jinghatax l-inkarigu maqbul bejn il-kontendenti dwar x'ghandu jkun riles fil-valur.

Kemm ittra legali tal-15 ta' Gunju 2017 (DOK E) u kif ukoll ittra ufficjali tas-17 ta' Awwissu 2017 (DOK F) ma zblokkawx il-pendenza, b'dan illi sabiex ir-rikorrenti jiehdu dak li haqqhom u huhom l-intimat Charles Sammut ihallashom dak lilhom dovut skond it-testmenti, kellhom jirrikorru ghall-odjerni proceduri sabiex qabel xejn ikun determinat x'kienet l-intenzjoni taz-zewg testaturi, ossia jekk bil-valur tal-"fond ossia il-bakery "il-forn bakery" kienux qed jifhmu biss il-gebel u s-saqaf tal-fond 18, Triq Wignacourt, B'Kara, kif isostni l-intimat, jew kienux qed jifhmu il-valur tal-fond inkluz mill-fatt illi huwa forn, bil-licenzji, l-avvjament u l-valur komplut u shih tieghu, kif qed isostnu r-rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-mejtin genituri tal-kontendenti, ossia, Francis Sammut u Maria Dolores Sammut, fit-testmenti rispettivi taghhom tal-24 ta' Jannar 2007 u tas-26 ta' Frar 2010, meta kienu qed jirreferu ghall-"valur tal-forn", dan kien ifisser illi l-valur jikkomprendi kemm il-gebel u s-saqaf tal-fond 18, Triq Wignacourt, B'Kara u l-avvjamenti tieghu qua forn u l-fatt innifsu illi l-fond huwa moghni bil-permessi u l-licenzji kollha relattivi ghall-operat ta' forn u l-operat inniffsu mill-fond de quo, u

2. Tordna konsegwentement sabiex, meta jinhatar Perit Arkittett skond il-provvedimenti tal-istess testmenti, allura tali Perit jiehu konjizzjoni, ai fini tal-valur tal-forn de quo, mhux biss il-valur tal-gebel u s-saqaf, imma wkoll il-fatt illi l-fond de quo huwa avvjat bhala forn.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, inkluz dik tal-ittra ufficcjali tas-17 ta' Awwissu 2017 u bir-rizerva kontra l-intimat ghal kwalsiasi dritt iehor spettanti lill-mittenti, mhux lanqas l-imghaxijiet fuq is-somom lilhom dovuti, li qed jibqghu ghal dejjem rizervati pendenti dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Charles Sammut, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament, l-inammissibilità tal-kawza mressqa mill-atturi stante illi t-talbiet kif dedotti huma merament dikjaratorji.

Sussidjarjament, fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Bhala stat ta' fatt Francis Sammut, missier il-kontendenti, kien ilu li ceda l-operat u t-tmexxija tal-forn in kwistjoni sa mis-sena 1986, u cioè 'l fuq minn tletin (30) sena ilu, u r-rispondent odjern Charles Sammut mexxa dan il-forn wahdu ghal dawn l-ahhar 25 sena wara li kien ghamel perjodu ta' circa hames snin imexxi dan il-fond bi shab mal-attur George Sammut bejn is-sena 1986 u s-sena 1991. Matul dan il-perjodu ta' ben kwart ta' seklu (tlett decenni meta wiehed jikkalkula z-zmien mid-data meta fiha l-operat tal-hanut gie rilaxxjat minn idejn Francis Sammut, missier il-kontendenti), ir-rispondent biddel u trasforma dan il-forn kompletament minn forn tradizzjonali li konna nafu l-antik ghal wiehed modern illi jirrispondi ghall-bzonnijiet tal-lum, u dan kemm permezz ta' tibdil strutturali estensiv, kif ukoll permezz ta' investiment kbir f'makkinarju modern u kif ukoll permezz ta' metodologiji godda ta' xoghol u ghalhekk certament li ma jistghux l-atturi jippretendu illi l-valur tal-fond jigi stabbilit ukoll a bazi tal-investiment finanzjarju u uman (fis-sens ta' hidma da parti tar-rispondent u uliedu matul dawn is-snin kollha) meta t-testatur kien ilu illi rrilaxxja l-imsemmi forn sa mis-sena 1986.

(ii) Minkejja disposizzjonijiet testamentarji mill-izjed dettaljata f'dan ir-rigward, u cioè fir-rigward ta' kif ghandu jigi stabbilit il-valur tal-forn u x'ghandu jhallas ir-rispondent lil hutu l-atturi, it-testaturi mkien u fl-ebda mument ma ddisponew illi l-valur tal-forn

ghandu jigi stabbilit anke a bazi tal-avvjament tieghu. Kieku t-testaturi riedu illi l-valur tal-forn jinkludi fih ukoll il-valur tal-avvjament (zewg affarijiet kompletment differenti u distinti minn xulxin anke fin-natura taghhom, ghaliex il-wiehed, u cioè il-forn, huwa beni korporali immobbli filwaqt l-iehor, u cioè l-avvjament huwa beni inkorporali) dan kien jghidu fit-testmenti illi ghamlu, l-istess kif qalu bosta affarijiet ohra relattivi ghall-mod kif kellu jigi stmat il-valur tal-forn u l-pagamenti li kellu jaghmel ir-rispondenti lill-konvenuti hutu. Gialadarba t-testaturi, fid-disposizzjonijiet testamentarji minnhom maghmula, ma ddisponewx illi l-valur tal-forn kellu jinkludi wkoll il-valur tal-avvjament, dan certament li ma jistax jigi dezunt u dan a bazi ta' principji ta' dritt illi huma pacifici in subjecta materia.

Oltre dan, ir-rispondent itenni illu huwa qatt ma rrifjuta li jghaddi lil hutu r-rikorrenti l-hlasijiet stabbiliti fid-disposizzjonijiet testamentarji tad-defunti genituri tieghu però mhux a bazi tal-istima maghmula mill-perit inkarigat mir-rikorrenti li hija wahda bil-wisq ezagerata u eccessiva anke ghaliex tinkludi fiha, kif qed jippretendu l-atturi, mhux biss il-valur tal-forn u cioè qua fond immobbli izda wkoll "l-avvjament u l-valur komplut u shih tieghu" meta tali beni inkorporali, kif digà fuq imtenni u kif se jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, jappartjenu lill-istess rispondent li ghaldaqstant certament li ma jistax jigu kkundannat li jhallas ghal xi haga illi effettivament tappartjeni lilu. Ghal dawn il-motivi wkoll ir-rispondent m'ghandu jigi allokat bl-ebda spejjez gudizzjarji.

It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Ir-rispondent jaf personalment bil-fatti dikjarati f'din ir-risposta guramentata.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-atturi li huma ħut il-konvenut qegħdin jitolbu dikjarazzjoni fis-sens illi meta fit-testment tal-ġenituri tagħhom issir referenza għall-valutazzjoni tal-forn din tinkludi *sia* l-fond bħala ġebla kif ukoll il-fond bħala negozju avvjat ta' furnar.

Il-konvenut eċċepixxa l-ewwel nett l-inammissibilità tal-kawża peress illi t-talbiet kif imressqa huma biss talbiet dikjaratorji. Fil-mertu ġie eċċepit illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda għar-raġuni illi fit-testment it-testaturi rreferew esklussivament għall-valur tal-forn bhala binja biss u mhux ukoll għall-valur tal-avvjament. Ġie eċċepit li tant it-testaturi daħlu fil-kwistjoni tal-qasma li saħansitra ddisponew dwar l-ammont ta' flus li kull wieħed mill-partijiet kellu jirċievi in kumpens għas-sehem tiegħu. Jgħid għalhekk illi la darba daħlu f'dan id-dettal ma kienx hemm raġuni l-għaliex ma jsemmux illi l-qasma kellha tinkludi wkoll il-valur tal-avvjament tan-negozju. Kompla jeċċepixxi illi huwa m'għandu ebda diffikultà jew oġġezzjoni sabiex iħallas lill-atturi għas-sehem tagħhom biss tali ħlas għandu jirrifletti biss is-sehem tagħhom mill-valur tal-fond bħala proprjetà.

Mill-provi jirriżulta illi l-fond ossia l-forn bin-numru 18, magħruf bl-isem 'Anthony', fi Triq Wignacourt, Birkirkara kien jappartjeni lill-ġenituri tal-partijiet u cioè lil Francis u Maria Dolores konjuġi Sammut. Francis Sammut kien waqqaf dan il-forn u minnu kien jaqla' l-għixien tiegħu. Il-partijiet xehdu illi sa minn ċkunithom kienu jaħdmu f'dan il-forn. Fis-sena 1986 Francis Sammut għażel illi jirtira mix-xogħol u għadda l-ġestjoni tal-forn lill-uliedu George u Charles aħwa Sammut. Iż-żewġ ulied l-oħra u cioè Bartolomeo Sammut u Maria Zammit nee Sammut ma kienux parti minn dan l-arranġament. Fil-każ ta' Bartolomeo Sammut dan diġà kien jinsab emigrat l-Awstralja.

Bejn is-sena 1986 u s-sena 1991 il-ġestjoni tal-forn kienet f'idejn George u Charled aħwa Sammut li flimkien ukoll kienu jħallsu

kera irriżorja lill-ġenituri tagħhom. Peress illi r-relazzjoni bejn l-aħwa George u Charles Sammut ma kienitx tajba, George għażel illi jitlaq mill-forn *de quo* u jibda negozju ta' furnar għal rasu ġewwa l-Iklin.

Mill-provi rriżulta illi ai termini ta' skrittura privata tal-10 t'April 2001 ffirmata bejn George u Charles aħwa Sammut, dawn qablu u ftehmu illi Charles Sammut kellu jħallas lil ħuħ George is-somma ta' Lm4,500 sabiex George iċedi l-liċenzja tal-forn favur Charles. Il-ħlas sar skont kif pattwit u l-liċenzja daret fuq il-konvenut. In atti ġew preżentati sia kopja tal-imsemmi ftehim kif ukoll kopja tal-ktieb li fih kienu jitniżżlu l-pagamenti għas-saldu u fuq liema riċevuti tidher evidenti u inkontestata l-firma tal-attur George Sammut. Jirriżulta wkoll illi fil-mument li l-aħwa Sammut infirdu, x-xogħol tal-forn in kwantu ghall-klijentela stabbilita, inqasam nofs bin-nofs bejniethom biex b'hekk it-tnejn żammew ammont ta' xogħol ugwali.

L-argument tal-attur huwa fis-sens illi meta hu telaq mill-forn ta' missierhom u beda jaħdem għal rasu huwa nkorra spejjeż kbar sabiex beda dan in-negozju mentri l-konvenut ħuħ sab is-sodda mifruxa għaliex baqa' jmexxi n-negozju li diġà kien waqqaf missieru. Mill-banda l-oħra, il-konvenut jirribatti li l-unika vantaġġ li kellu meta nfirdu kien dak illi kellu l-binja minn fejn jopera għaliex altrimenti għamel investiment konsiderevoli biex jirranġa l-forn u jimmodernizzah.

Mill-provi rriżulta wkoll illi l-ġenituri tal-partijiet għamlu l-almu tagħhom sabiex ma jagħmlux differenzi bejn uliedhom. Lill-uliedhom Maria, George u Charles tawhom post kull wieħed waqt illi lill-attur Bartolomeo Sammut tawh somma flus peress li dan diġà kien emigra lejn l-Awstralja. Irriżulta wkoll illi peress illi binthom Maria irceviet proprjetà li kienet tiswa' aktar mill-proprjetajiet li ħadu ħutha s-subien, hija ġiet eskluża mill-qasma tal-forn.

In tant, in kwantu l-forn, in forza ta' testment tal-24 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge, it-testatur Francis Sammut iddispona b'dan il-mod:

*"Ir-RABA ARTIKOLU*

*It-testatur iħalli bħala legat lill-ibnu Charles sehmu mis-segwenti proprjeta:-*

*(a) Il-forn Bakery li jinsab bin-numru tmintax (18) u mgħaruf bl-isem ta' "Anthony" f'Birkirkara, Wignacourt Street*

*...*

*Is-somma li għandha tinghata mill-istess Charles Sammut lill-ħutu tiġi kalkolata billi l-valur tal-forn aktar il-quddiem imsejjaħ "il-valur tal-forn", għandu jiġi stmat minn perit indipendenti mqabbad mit-tlett aħwa Charles, Robert u George, ulied it-testatur, fi żmien tlett xhur mid-data tal-mewt tas-superstiti fost it-testatur u martu, u jekk dawn jonqsu li jagħmlu dan, jew ma jiftehmux lil min ħa jqabbdu bħala perit dan jiġi mqabbad minn binthom Maria Zammit jew fin-nuqqas mill-istess Nutar li jippubblika l-att Causa Mortis tas-superstiti fost it-testatur u martu;*

*Mill-valur tal-fond kollhu ghandha tigi mnaqqsa is-somma ta' sitt-elef lira Maltin (Lm6,000) aktar il-quddiem imsemmija "il-valur trasferit" u terz mill-bilanċ tal-valur trasferit neqsin somma ta' erbat'elef u ħames minn lira Maltin (Lm4,500), għandha tiġi mħallsa mill-imsemmi Charles Sammut lill-ħuħ George, filwaqt terz ieħor mill-valur trasferit u somma addizzjonali ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) għandha titħallas mill-imsemmi Charles Sammut lill-ħuħ Robert Sammut. Is-somma ta' tlett elef lira (nofs is-sitt elef lira fuq imsemmija) mnaqqsa mill-valur inizjali tal-forn qegħda tiġi assenjata lill-istess Charles Sammut bħala kumpens għall-ħobż li huwa jagħti lill-ġenituri tiegħu kuljum u għal benefikati li huwa jkun għamel fil-forn*."

Meta xehed quddiem din il-Qorti, in-Nutar Dottor Roland Wadge xehed illi ma jiftakarx iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u x'ingħad waqt li kien qiegħed jirrediġi t-testment, madanakollu xehed illi

aktarx illi l-intenzjoni tat-testatur kienet laxxitu ta' negozju avvjat u mhux tal-binja *per se*.

Fit-testment tagħha tas-26 ta' Frar 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Mallia, it-testatriċi Maria Dolores Sammut iddisponiet hekk:

> *It-testatriċi tħalli bħala legat lil binha Charles Sammut, sehemha mis-segwenti proprjeta:-*
>
> *(a) Il-fond ossia il-Bakery li jinsab fi Triq Wignacourt, Birkirkara, u huwa markat bin-numru uffiċjali tmintax (18) u li jismu 'Anthony'*
>
> *...*
>
> *Is-somma li għandha tinghata mill-istess Charles Sammut lill-ħutu George u Robert, tiġi kkalkolata billi l-valur tal-forn aktar il-quddiem imsejjaħ "il-valur tal-forn", għandu jiġi stmat minn perit indipendenti mqabbad mit-tlett aħwa Charles, Robert u George, aħwa Sammut, ulied it-testatriċi, u dan fi żmien tett xhur mid-data tal-mewt tat-testatriċi, u jekk dawn jonqsu li jagħmlu dan, jew ma jiftehmux lil min se jqabbdu bħala perit, dan jiġi mqabbad mill-istess Nutar li jkun se jippubblika l-att causa mortis tat-testatriċi.*
>
> *It-testatriċi trid u tordna ukoll illi mill-valur tal-fond ghandha tigi mnaqqsa is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu tal-ewro (€6988.12) ekwivalenti għal tlett elef Liri maltin (Lm3,000), ossia nofs is-sitt elef Liri Maltin (Lm6,000), liema nofs jirrappreżenta sehem it-testatriċi mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn ir-raġel tagħha il-mejjet Francis Sammut, ikatr il-quddiem imsejjaħ bħala 'il-valur trasferit', u terz mill-bilanċ tal-valur trasferit u somma addizzjonali ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi tal-ewro (€2,329.37), ekwivalenti għal elf liri maltin (Lm1,000), li tiġi parti mis-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu tal-ewro (€6,988.12) ekwivalenti għal tlett elef liri Maltin (Lm3,000) li hija s-*

*somma li ġiet imnaqqsa mill-valur inizjali tal-forn, għandha tiġi mħallsa mill-imsmmi Charles Sammut lil ħuħ George Sammut, fil-waqt li terz ieħor mill-valur trasferit u somma addizzjonali ta' tlett elef erba' mija erbgħa u disgħin ewro u sitt ċenteżmi tal-ewro (€3494.06), ekwivalenti għal elf u ħames minn Liri Maltin (Lm1,500), għandha titħallas mill-imsemmi Charles Sammut lil ħuħRobert Sammut. Is-somma ta' elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165), ekwivalenti għal ħames minn liri Maltin (Lm500), li tiġi parti mis-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu tal-ewro (€6988.12), ekwivalenti għal tlett elef Liti maltin (Lm3,000) imnaqqsa mill-valur inizzjali tal-forn, qiegħda tiġi assenjata lill-istess Charles Sammut bħala kumpens għall-ħobż li huwa jagħti lit-testatriċi kuljum u għal xci benefikati li huwa ikun għamel fil-forn."*

In-Nutar Dottor Patricia Mallia xehdet illi ma tiftakarx li t-testatriċi kellha xi ħsieb partikolari dwar il-fond bħala negozju avvjat jew le. Issoktat tgħid illi fil-fehma tagħha l-użu tal-kelma 'fond' tirreferi esklussivament għall-ġebla. Tgħid illi fil-fehma tagħha hemm differenza bejn l-użu tal-kelm 'fond' u l-użu tal-kelma '*bakery*'. Xehdet ukoll illi ma tiftakarx illi t-testatriċi riedet li l-valutazzjoni tinkludi wkoll l-avvjament għaliex altrimenti kienet tirrifletti dan fit-testment.

Bħala parti mill-provi l-partijiet ippreżentaw ukoll stimi redatti ex-parte mill-periti rispettivament inkarigati minnhom.

Il-Perit Malcolm Sullivan fuq inkarigu ex-parte tal-atturi, wasal għall-valur ta' €220,000. Huwa xehed illi din il-valutazzjoni tinkludi l-prezz tal-proprjeta' bħala *licensed bakery*. Din il-valutazzjoni ma tinkludix il-prezz tal-apparta, l-għamara u tagħmir ieħor fil-post.

Il-Perit Joseph Bugeja, fuq inkarigu ex-parte tal-konvenut wasal għall-valur ta' €155,000 liema stima tinkludi l-valur tal-proprjetà u l-użu tagħha.

Jeħtieġ fl-ewwel lok illi l-Qorti tittratta l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fejn dan jeċċepixxi l-inammissibilità tal-

azzjoni għaliex ġiet intavolata b'talbiet purament dikjaratorji li ma jistgħux iwasslu għal rimedju speċifiku. Għad illi huwa minnu li l-azzjoni odjerna kif impostata hija ta' xorta dikjaratorja, ma jfissrx b'daqshekk li l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponuha. Tenut kont tad-disposizzjonijiet testamentarji kif fuq riportati testwalment, l-atturi altru illi għandhom interess li jiksbu dikjarazzjoni dwar l-interpretazzjoni li trid tingħata lil tali disposizzjonijiet. Il-partijiet mhumiex jaqblu dwar dak illi għandu jiġi nkluż fil-valutazzjoni u cioè hux il-ġebla inkella anki n-negozju. F'dan il-kuntest il-partijiet ilhom għal snin twal imwaħħlin f'sitwazzjoni fejn ma jistgħux jattwaw il-volontà testamentarja tal-ġenituri tagħhom u konsegwentement lanqas ma jistgħu jirriżolvu bejniethom darba għal dejjem kwistjonijiet dwar il-wirt tal-ġenituri tagħhom. Għalhekk, huwa biss il-ġudizzju ta' din il-Qorti li jista' jtemm dan l-istat ta' nċertezza.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qegħda tiġi miċħuda.

Fir-rigward tal-mertu, il-punt kardinali ta' din l-azzjoni huwa l-interpretazzjoni li għandha tingħata lir-rieda tat-testaturi. Il-kwistjoni hija dik jekk fil-laxxitu permezz ta' prelegat favur il-konvenut, it-testaturi ridux ifissru valutazzjoni tal-proprjetà bħala immobbli *ut sic* jew inkella kellhomx ukoll f'moħħhom il-forn bħala negozju avvjat.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Angela Debattista et vs Joanne Debattista deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Marzu 2014 u kkonfermata fl-Appell fis-6 t'Ottubru 2020 fejn ingħad hekk:

> *Kien dejjem ritenut mill-qrati taghna li l-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u li meta disposizzjoni testamentarja hija cara din ghandha tinghata effett. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta` April 2004 fil-kawza "**Maryrose Mifsud vs Av. Dr. Joseph Bartolo noe**" –*
>
> *"Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-*

*gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett."*

*Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Rose Alden pro et noe vs Raphael Pace**" din il-Qorti (PA/PS) qalet hekk –*

*"Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "**Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et**". 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "**Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;*

*Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi "quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto" - "**Camilla Mallia -vs Carlo Mamo et**", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P I p 729)."*

Kif jghid Trabucchi – Istituzioni di Diritto Civile Ed. 2005 p. 450 u 451:

*"Gli elementi interpretativi possono essere ricercati anche aliunde, ma questo ricorso a elementi di prova estranei al*

*testamento e' ammesso ragionatamente soltanto per capire il contento di una volonta' espressa sia pure poco chiaramente";*

u *"Le espressioni usate dal testatore vanno interpretate naturaliter, e non civiliter, cioe' non nel significato tecnico-giuridico, ma nel significato che presumibilmente le parole scelte avevano nella mente del de cuius ...... Lo stesso vale per le formole usate, che vanno intese e rispettate secondo la presunta volontà del testatore, anche' al di la' delle regole giuridiche".*

Il-Qorti kellha l-opportunità li tisma' x-xhieda tan-Nutara li rreddiġew it-testmenti in diskussjoni. In-Nutar Dottor Roland Wadge li rċieva t-testment ta' missier il-partijiet xehed illi:

"*Jiena naħseb li l-intenzjoni tat-testatur tkun il-forn kollu bl-avvjament. Hu the running business ried iħalli lit-tfal*." (fol. 70)

Mill-banda l-oħra, in-Nutar Dottor Patricia Mallia li rrediġiet it-testment t'omm il-partijiet, xehdet illi:

"*Fond huwa fond, qed issirli referenza għat-tielet paragrafu tat-testment redatt minni. Nispjega li fond huwa fond u bakery huwa bakery. Fond ikun qed jirreferi għal ġebla biss. Il-fatt li semmiet il-kelma bakery iġifieri hemm iktar minn ġebla. Dik hija l-fehma tiegħi. Ma niftakarx intqalx xi ħaġa f'dan is-sens meta ġiet Doris tagħmel it-testment. Jien għalija bejn il-kelma fond u l-kelma bakery hemm differenza*." (fol. 53)

Waqt illi sia n-Nutar Wadge kif ukoll in-Nutar Mallia xehdu illi ma jiftakrux li ngħad xi diskors speċifiku b'referenza għall-avvjament tan-negozju bħala forn, fl-istess waqt it-tnejn huma konkordi li l-fehma u l-intenzjoni tat-testaturi kienet dik illi l-valutazzjoni għandha tinkludi fiha l-valur tal-avvjament.

Mill-provi rriżulta illi missier il-partijiet ċeda t-tmexxija tal-forn favur uliedu l-attur George u l-konvenut Charles aħwa Sammut

li mexxew il-forn bi sħab bejniethom mis-sena 1986 sas-sena 1991. Fis-sena 1991 l-attur għażel li jinfired minn mal-konvenut ħuħ u fetaħ negozju għal-rasu dejjem bħala furnar. Naturalment meta ġie biex beda n-negozju għal rasu l-attur inkorra diversi spejjeż. Jgħid illi mqabbel mal-konvenut huwa kien żvantaġġjat għar-raġuni li l-konvenut sab il-proprjetà diġà lesta. Hawnhekk m'hawnx ilment fir-rigward tal-makkinarju u l-għodda meħtieġa fil-mestier għaliex l-attur stess jirrikonoxxi li l-konvenut immodernizza l-forn minn dak li kien kif ħallih missieru.

Irriżulta wkoll illi meta l-aħwa nfirdu dawn qasmu x-xogħol fi kwoti ndaqs bejniethom biex b'hekk ħadd minnhom ma kellu jibda mix-xejn aktar u aktar meta t-tnejn kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom minn dan ix-xoghol. Il-konvenut għalhekk jargumenta li dak kollu li bena wara li l-attur fetaħ għal rasu, għamlu bil-ħila tiegħu biss. Jgħid għalhekk illi mhuwiex ġust li l-attur jieħu sehem minn dak illi ħadem għalih il-konvenut waħdu.

Il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut. Tqis illi l-valutazzjoni tal-forn f'dan il-każ mhijiex tkejjel il-bejgħ ġenerat mill-konvenut iżda l-fatt illi dan il-forn huwa debitament liċenzjat sabiex jitħaddem bħala tali. Dan il-fattur allura jiddistingwi l-proprjetà minn sempliċi immobbli għal proprjetà b'permess kummerċjali. Tqis għalhekk illi l-atturi mhumiex sejrin jibbenefikaw mit-tkabbir fin-negozju li l-konvenut għamel bl-għaraq ta' ġbinu. Lanqas ma tista' l-Qorti tinjora l-fatt illi ghal hafna snin, il-partijiet hadmu flimkien u mexxew il-forn bi shab.

Il-Qorti tinnota wkoll kif, minkejja s-sistema pedanti li biha t-testment ipprovda ghall-ekwiparazzjoni, baqa' incert fuq materja daqshekk importanti ta' kif tigi meqjusa n-natura tal-forn imholli lill-intimat. Kien ikun ferm ahjar kieku t-testatur stabilixxa l-valur f'hajtu u mbaghad ipprovda ghall-ekwiparazzjoni skond tabella prefissa ghal tul iz-zminijiet sad-data tal-mewt.

Eżaminati bir-reqqa l-atti, il-fatti li wasslu lit-testaturi sabiex jiddisponu dwar il-forn bil-mod kif fuq ingħad, il-fatt illi dawn dejjem raw li ma jagħmlux differenzi bejn uliedhom tant li anki ddisponew espressament dwar kumpens pekunjarju speċifiku

għal kull wieħed minn uliedhom subien sabiex jerġgħu ipoġġu lil kull wieħed minnhom b'keffa ugwali, il-Qorti ssib ruħha konkordi man-Nutara li rrediġew it-testmenti u tqis illi r-referenza għall-'valur tal-forn' u 'il-Bakery' tinkludi sia l-proprjetà bħala mmobbli kif ukoll bħala negozju avvjat.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha kif dedotti;

2. Tilqa' t-talbiet attriċi u waqt illi tiddikjara illi r-referenza li saret fit-testment ta' Francis Sammut tal-24 ta' Jannar 2007 u dik li saret fit-testment ta' Maria Dolores Sammut tas-26 ta' Frar 2010 tirreferi għall-valur tal-forn bħala li jinkludi kemm il-ġebel u s-saqaf tal-fond 18, Triq Wignacourt, Birkirkara kif ukoll l-avvjament tiegħu bħala forn mogħni bil-permessi u l-liċenzji kollha relattivi u meħtieġa għall-operat ta' forn mill-imsemmi fond. Konsegwentement tordna illi dan kollu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Perit Arkitett li għad irid jinħatar ai termini tal-imsemmija testmenti sabiex iħejji valutazzjoni tal-forn.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG